KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA’ KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – IT-TNEJN, 17 TA’ FRAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sna Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm quorum biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**14.1 QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

14.1.1 Ma kienx hemm.

**14.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

14.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (13) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

14.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 14.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

14.3.1 Ma kienx hemm.

## 14.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

14.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien tlesta l-materjal pubbliċitarju u tqassam bieb bieb fil-lokalità. Żied jgħid li dan l-*event* tela wkoll fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill biex nilħqu lill-komunità anke bil-mezzi soċjali. Stieden lill-Kunsillieri biex iwasslu l-messaġġ permezz tal-facebook biex jiżdied l-interess u tikber il-parteċipazzjoni. Is-Sala tal-Kunsill ser tkun attrezzata għal din l-attività festiva.

14.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-tqassam il-materjal pubbliċitarju tal-attività soċjali li hemm ippjanata għall-familji tal-Iklin fil-*week-end* ta' bejn il-21 u t-23 ta' Frar.

14.4.3 Is-Sindku Dr. Sciberras irrelata wkoll dwar l-attività soċjali għal 'Jum il-Mara' li ġiet skedata għal nhar it-3 ta' Marzu. Bħas-snin preċedenti, l-interess għal din l-attività soċjali jidher wieħed inkoraġġanti.

14.4.4 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata dwar ix-xogħlijiet fi Triq il-Wied fejn semma li l-Kunsill kien kontinwament f'kuntatt mall-Perit responsabbli minn dan il-proġett speċjalment matul dan l-aħħar ġranet fejn numru ta' residenti kienu qed jilmentaw minħabba nuqqas ta' aċċessibilità. Jidher li dawn l-inkonvenjenzi ġew minimizzati wara li l-Perit responsabbli ndirizzat dawn l-*issues* mall-kuntrattur. Fil-frattemp, il-Kunsill qed isegwi mill-qrib il-progress ta' dan il-proġett bil-ħsieb li nissalvagwardjaw l-interessi tar-residenti li jirrisiedu fiż-żona.

14.4.5 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li kien ser jattendi għal-Laqgħa tas-Sindki – Mayor's Round Table Vision 2024 nhar is-Sibt, 22 ta' Frar li se ssir ġewwa l-lukanda Dolmen.

## 14.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

14.5.1 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi korrispondenza dwar l-inizzjattiva tas-sotto-kumitat 'Libreriji fl-Apert'.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li kien irċieva korrispondenza mis-Segretarju tas-sotto-kumitat dwar il-proġett 'Libreriji fl-Apert' fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tista tikkontribwixxi (50 ktieb għal kull librerija li ssir fl-apert, suġġett li l-Kunsill jipprovdi bħal kiosk jew xi għamla oħra ta' xkaffar li jkun jiflaħ għall-elementi naturali bħax-xita u r-riħ, u persuna li sservi bħala gwardjan/kuratur tal-istess librerija. Jekk l-Aġenzija tara li l-librerija tkun qed tintuża, kull sitt xhur terġa tipprovdi aktar kotba.

Imbagħad il-Kunsillier Catania ippreżenta disinn ta' librerija fl-apert a sodisfazzjon tal-Kunsillieri preżenti. *Nem con*.

14.5.2 Is-Sindku Dr. Sciberras faħħar din l-inizzjattiva u se jkun qed jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkunsidra u japprova l-ewwel librerijia fl-apert fi Pjazza Ninu Cremona.

## 14.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

14.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-28 ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

14.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 267/20. Ċirkolari mibgħuta mid-Direttorat tar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja, u Impjegabilità dwar korsijiet immirati għar-residenti 'l fuq minn 16-il sena fejn ir-residenti inkluż dawk barranin jingħataw l-opportunità ta' tagħlim kontinwu fir-Reġjun jew fil-Kunsill.

14.6.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 264/20. Preżentazzjoni ta' *site-plan* u informazzjoni oħra in konnessjoni ma' xogħlijiet ta' bankina u parti minn triq difettuża fi Pjazza Ninu Cremona sottomessi mill-Perit tal-Kunsill.

14.6.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 270/20. Site at Triq Stefano Erardi k/m Triq Ċensu Bugeja – applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp.

14.6.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 276/20. PA 7963/19 – Triq Dun Karm L-Iklin – Notifka dwar applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp.

14.6.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 279/20. Proposta minn espert dwar il-qagħda eżistenti tal-*landscaping* eżistenti 'l isfel mill-Ġnien tal-Pjazza Ninu Cremona.

14.6.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 291/20. Laqgħa tar-Reġjun Ċentru.

Il-Viċi Sindku infurmat lill-preżenti li kienet attendiet għall-aħħar laqgħa tar-Reġjun Ċentru u fejn infurmat lill-Kunsill li r-Reġjun kien ser jalloka fondi għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli.

14.6.8 Il-Kunsillier Bernice Farrugia staqsiet dwar korrispondenza nru. 269/20. Talba għal ri-kunsiderazzjoni fl-Immaniġġjar tat-Traffiku fil-By-Pass ta' B'Kara.

Is-Sindku Dr. Sciberras wieġeb li kien reġa kiteb fil-vesti ta' Sindku lill-Onorevoli Ministru Dr. Ian Borg dwar il-*pedestrian crossings* fil-By-Pass ta' B'Kara biex jintervjeni u jevalwa s-sitwazzjoni peress li r-resident/i u l-pubbliku inġenerali qed jilmentaw ma' dan l-Uffiċċju li l-*waiting time* kif ġew issettajti riċentement minn TM biex persuna/i taqsam l-karreġġjati huwa wieħed eċċessiv filwaqt li l-ħin biex wieħed jaqsam minn karreġġjata għall-oħra huwa relattivament qasir meta tieħu in kunsiderazzjoni li l-*pedestrian crossings* jintużaw minn persuni anzjani u minn persuna/i bi problemi ta' mobilità.

14.6.9 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 315/20. Ilment dwar sidien ta' klieb li jitħallew jiġru fit-toroq.

Il-Kunsill ressaq dawn il-każijiet lill-Għassa tal-Pulizija ta' B'Kara biex jinvestiga u jwissi lis-sidien li din l-attività hija waħda illeċita.

**COMPLAINTS SHEET (28 JANUARY - 14 February 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Organisation |
|---|---|---|---|---|
| 23 | 01/02/2020 | Ilment li ma jistgħux jidħlu fir-residenza fi Triq il-Wied minħabba gandott li sar mill-kuntrattur ta' IM | closed | **Infrastructure Malta** |
| 24 | 03/02/2020 | *Road patching* in Triq G M Azzopardi | settled | **COUNCIL** |
| 25 | 03/02/2020 | Bozza mitfija fuq arblu tal-Kunsill, Triq Razzett L-Aħmar | pending | **CONTRACTOR** |
| 26 | 05/02/2020 | Hemm bozza mitfija quddiem no. 100, fi Triq il-Wied. | pending | **ENEMALTA** |
| 27 | 06/02/2020 | Talba għall-implimentazzjoni ta' traffic mirror faċċata ta' *drive in* tiegħu fi Triq ES Inglott għaliex il-karozzi qed jitilgħu sparati u peress li qiegħed kważi fil-kantuniera meta jkun ħiereġ mid-*drive in* qed isibhom ma' wiċċu. | pending | **COUNCIL** |
| 28 | 07/02/2020 | Residenta qed tilmenta li wara l-kamra li hemm tal-ilma fi Triq l-Awrikarja, ħafna nies qed jieqfu u jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom. Hemm ħafna ntejjen u ħmieġ. Hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex jingħalaq dan in-naqra spazju u jitnaddaf. Huma għandhom id-dar hemm u ma' jistax ikun jibqgħu jissaportu din il-ħaġa. | pending | **COUNCIL** |
| 29 | 07/02/2020 | Talba biex issir *yellow box* quddiem il-garaxx ftit il-fuq mil-uffiċċju, biex forsi tkun tista toħroġ, għax qegħdin jipparkjaw u jieħdu parti mid-*drive-in*. | pending | **COUNCIL** |
| 30 | 12/02/2020 | Rapport li għal ħabta tal-4pm kuljum qed jitħallew klieb jiġru weħidhom minn sidhom fl-inħawi ta' Triq AM Caruana u Trejqet ir-Rumanzieri. | closed | **POLICE** |
| 31 | 12/02/2020 | Ilment li r-residenti ta' Triq it-Timu qed itellgħu il-boroż tal-iskart fi Triq G. Locano. Qegħdin ukoll joħorġu boroż mhux skont l-iskeda tal-ġurnata. | pending | **COUNCIL** |
| 32 | 14/02/2020 | Talba biex titnaqqas il-katina tal-bandli. | pending | **COUNCIL** |

## 14.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

14.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

14.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

14.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 14 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

14.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

14.8.2 Applikazzjoni PA/02013/16 – Triq tal-Balal, Ix-Xwieki, L-Iklin 'Restoration of existing quarry into agricultural field including part construction of boundary wall'.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irraporta li kien attenda l-Awtorità tal-Ippjanar biex jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Planning Board ta' nhar it-13 ta' Frar 2020 fejn kien ittieħed vot a favur l-iżvilupp. Is-Sindku qal li b'kuntrarju għal dak li jiġri f'applikazzjonijiet oħra, għal darba, il-Kunsill ivvota favur l-iżvilupp għaliex kien jissodisfa l-*policies* eżistenti. Sintendi is-Sindku ivvota favur l-iżvilupp propost.

14.8.3 Applikazzjoni PA/07681/19 – Triq Stefano Erardi c/w Triq Ċensu Bugeja L-Iklin ' To construct 9 garages at semi-basement level, 12 apartments from ground till third floor, and 2 penthouses at a receded floor level.

## 14 .9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QFR OTT-DIĊ 2019.

14.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2019.

14.9.2 L-Accountant ippreżenta r-Rapport Finanzjarju li kien jikkonsisti fi *Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position & Depreciation of Property, Plant & Equipment*.

Sal l-aħħar ta' Diċembru 2019, il-qagħda finanzjarja spiċċat b'net deficit ta' Eur(9,087). Il-*financial situation indicator* jaqra 49%.

14.9.3 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

14.9.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-*Quarterly Financial Report*.

14.9.5 Il-*Quarterly Financial Report* kien approvat *nem con*.

**(Ara dok. E)**

**14.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI 2020**

14.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-estimi finanzjarji għall-approvazzjoni.

14.10.2 L-Accountant ippreżenta l-estimi finanzjarji wara eżerċizzju li sar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu riveduti l-Kuntratti obbligatorji.

14.10.3 Kienet diskussa l-allokazzjoni finanzjarja dwar is-servizz tal-knis fil-lokal fejn il-Kunsill iddeċieda li jtejjeb is-servizz ladarba l-kuntratt eżistenti jipprovdi li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jżid is-sigħat tas-servizz skont ir-rata ikkwotata fil-*financial bid* biex ikopri tibdil fl-iskeda tas-servizz tal-indafa pubblika.

14.10.4 Fir-rigward tal-kuntratt tal-immaniġġjar tal-iskart, il-Kunsill ipprovda wkoll għall-awment f'dan il-kuntratt il-ġdid li ġie iffirmat fl-1 ta' Frar 2020.

14.10.5 Rigward l-allokazzjoni tal-*waste tipping fees*, il-vot allokat lill-Kunsill għal din is-sena jlaħħaq għal Eur19,397.

Fid-dawl tal-komunikazzjoni li kienet għaddejja f'dawn l-aħħar ġimgħat bejn id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli, fil-mument li kien qed jiġi diskuss l-budget, inqalgħet l-*issue* tal-bilanċi skoperti mis-sena ta' qabel jekk hux ser jibqa jagħmel tajjeb għall-bilanċ pendenti d-Divizjoni tal-Gvern Lokali. Fuq dan il-punt, il-Kunsill alloka Eur22K għal dan is-servizz.

14.10.6 Imbagħad l-Accountant ta' spjegazzjoni sħiħa dwar id-dħul u l-ħruġ *(detailed estimates of income and expenditure)*, *Cash budget* u l-*istatement of financial position*.

14.10.7 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex japprova l-estimi finanzjarji għas-sena 2020.

14.10.8 Il-Kunsill approva l-estimi finanzjarji 2020 *nem con*.

**(Ara dok. F)**

## 14.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2019

14.11.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-unaudited FS għas-sena 2019.

14.11.2 L-Accountant qara u spjega l-Istqarrijiet Finanzjarji a sodisfazzjon tal-Kunsillieri fejn irrimarka li jirriżulta loss għas-sena ta' Eur9,087 għas-sena 2019. Din il-figura toħroġ fl-*istatement of Comprehensive Income*. Però żied jgħid li meta wieħed iħares lejn l-istatement of Financial Position, u jsir kalkolu matematiku billi tnaqqas l-Current Liabilities mill-Current Assets, joħroġ bilanċ favorevoli għall-Kunsill ta' madwar Eur140,595.00c. Minn dan ir-rapport finanzjarju jirriżulta li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija waħda tajba.

14.11.3 L-Accountant spjega fid-dettal in-notamenti dwar l-istqarrijiet finanzjarji b'enfasi dwar il-mod ġdid ta' kif jinħadem id-deprezzament fuq l-assi ikkuntrattati u dan skont IFRS 16.

14.11.4 L-*Accountant* għalaq l-Istqarrijiet Finanzjarji billi għamel riferenzas għall-*Property, Plant, and Equipment* fejn sal-aħħar tal-31 ta' Diċembru 2019, *Net Book Value* totali jlaħħaq Eur220,047.

14.11.5 Imbagħad is-Sindku staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

14.11.6 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jiġu ikkunsidrati u approvati l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2019.

14.11.7 Il-Kunsill approva l-*unaudited Financial Statements* għas-sena 2019 *nem con*.

14.11.8 L-istqarrijiet finanzjarji ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nhar is-17 ta' Frar 2020.

14.11.9 Dawn l-istqarrijiet finanzjarji ser jintbagħtu lill-Udituri tal-Gvern, lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

**(Ara dok. Ġ)**

## 14.12 POST MORTEM – LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

14.12.1 Is-Sindku Dr. Sciberras stqarr li kien iddiżappuntat bl-attendenza għaliex kienet waħda miżera. Żied jgħid li għal din il-Laqgħa tal-Lokalità ġew mistiedna l-Perit, l-Accountant tal-Kunsill u s-Superintendent mill-Għassa tal-pulizija ta' B'Kara. Kompla billi qal li kienet ħasra li r-residenti tilfu din l-opportunità biex jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom fl-istadju li l-Kunsill kien qed ifassal l-estimi finanzjarji għas-sena 2020.

Min-naħa l-oħra, jħares lejha b'mod pożittiv fis-sens li talbiet, ilmenti, jew suġġerimenti li kienu tressqu mir-residenti fil-laqgħa tal-lokalità preċedenti, il-Kunsill irnexxielu jindirizza dawn l-*issues* fosthom il-proġett ta' Triq San Mikiel fejn saru xogħlijiet infrastrutturali li kienu ferm utli għal din il-lokalità billi sar xogħol konġunt bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta biex issewwa difett mad-dawra ta' round-about qabel ma tibda tiela għal Triq il-Wied u bit-tibdil ta' servizzi fi Triq San Mikiel u asfaltar mill-ġdid tal-karreġġjata li tmiss man-naħa tar-residenti u l-ħwienet kummerċjali ta' Triq San Mikiel.

14.12.2 Il-Kunsillier Bernice Farrugia ukoll esprimiet id-diżappunt tagħha minħabba l-attendenza fqira tar-residenti meta tikkunsidra li mhux l-ewwel darba li residenti jippostjaw l-ilmenti/suġġerimenti tagħhom fuq Iklin Residents. Issuġġeriet li fil-Laqgħa tal-Lokalità li jmiss, il-Kunsill jipprova jwassal il-messaġġ b'mod li jattira aktar attendenza.

14.12.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit esprima l-istess ħsieb tal-Kunsillieri sħabu u qal li l-Kunsill irid ifittex mezzi oħra biex Jitqanqal aktar interess għal dawn il-laqgħat li huma maħsuba speċifikament għar-resident.

14.12.4 Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ żewġ laqgħat tal-lokalità f'Diċembru u oħra f'April skont il-liġi li twaqqaf l-Att tal-Gvern Lokali u l-Kunsill ser jibqa jagħmel dak mitlub minnu bil-liġi.

## 14.13 FESTA FJURI 2020

14.13.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jirrelata dwar id-diskussjoni li saret fis-sotto-kumitat tal-Kultura proprju dwar l-attività annwali 'Festa Fjuri 2020'.

14.13.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ressaq numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill fejn qal li kien importanti li l-Kunsill jikkonsolida dak li sar fl-edizzjonijiet passati.

Irrefera għall-edizzjoni partikolari 'Festa Fjuri' li kienet saret fis-sena 2013 meta ġiet imtella fi Triq Ġeronimo Abos fejn kien hemm numru sabiħ ta' attrazzjonijiet bħal bouncy castle, pony rides u l-fun train.

Kompla billi qal li l-kumitat kien qed jaħseb biex tinfirex l-attività billi jiġu organizzati attivitajiet sportivi matul l-attività u l-possibiltà li jittella spettaklu tal-kant anke bl-involviment tat-talent lokali. Żied jgħid li l-kumitat kien qed jipproponi li tiġi mistiedna kċina rinomata lokali biex issir ikla għar-residenti a bażi ta' *pre-booking*.

Semma wkoll li bħal ma sar fl-edizzjonijiet passati, fejn il-Kunsill dejjem ikkollabora ma' għaqdiet oħra filantropiċi biex ikunu ko-parteċipi f'din l-edizzjoni, il-kumitat ħareġ bl-ideja li jistieden lil National Blood Transfusion Service biex jingħaqdu magħna f'din l-attività kulturali.

Fl-aħħarnett, il-Kunsiilier spjega li kien importanti li l-Kunsill jiddeċiedi data, ħin, u l-post.

14.13.3 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras spjega li l-Kunsill diġa qed jitkellem mal-Environmental Landscapes Consortium Ltd u l-Valletta Cultural Agency bil-possibiltà li terġa ssir kollaborazzjoni.

14.13.4 Fl-aħħarnett, kien deċiż b'mod unanimu li jiġu stabbiliti żewġ dati tentattivi dik tas-Sibt, 16 jew 23 ta' Mejju 2020 bejn id-9am u 2pm fi Triq Anton Buttigieg bil-promessa li d-data tiġi kkonfermata fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

14.13.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill kien applika għal skema li kienet ħarġet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill kien issottometta proposta biex issir l-attività annwali 'Festa Fjuri'. Semma kif il-proposta sottomessa lill-Assoċjazzjoni kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien eliġibbli taħt din l-iskema. Fakkar li l-Kunsill jista jieħu sa massimu ta' Eur7k liema spiża trid issir skont din il-proposta.

14.13.6 Il-Kunsillier Godwin Catania irrelata l-ħsieb li kien diskuss waqt laqgħa tas-sotto-kumitat fejn għandhom il-ħsieb li jkunu parteċipi bħala Kumitat billi jtellgħu *stand* fejn tiġi organizzata diskussjoni dwar il-viżjoni ta' dan is-sotto-kumitat, tkun okkażjoni li nisimgħu lir-residenti dwar dak li jixtiequ jaraw fl-Iklin speċjalment fil-qasam tal-ambjent.

## 14.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

14.14.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020 fil-5.30 pm.

14.14.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020 fil-5.30 pm.

14.14.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.40 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |